KUNSILL LOKALI
IS-SIĠĠIEWI
Città Ferdinand

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi

IS-SEBA' LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 377 (B'urġenza)

Is-Sibt 7 ta' Settembru, 2019

Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi ltaqa' fiċ-Ċentru Ċiviku tas-Siġġiewi li jinsab fl-indirizz 18, Pjazza San Nikola, is-Siġġiewi, fil-11.00 ta' filgħodu.

PREŻENTI:

Is-Sindku Kurstein Nicholas Sant
Il-Viċi Sindku Rodianne Haber
Il-Kunsillier Alessia Psaila Zammit
Il-Kunsillier Julian Borg
Il-Kunsillier Dominic Grech
Il-Kunsillier Adrian Farrugia

ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):

Il-Kunsillier Francine Farrugia

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sra. Ritienne Giorgino – Segretarju Eżekuttiv

Ċentru Ċiviku tas-Siġġiewi – 18, Pjazza San Nikola, Is-Siġġiewi SĠW 1073
t +356 2146 6000 f +356 2146 2946
e siggiewi.lc@gov.mt w www.siggiewi.gov.mt KLSiggiewi

Minuti

Is-Sindku Dr Kurstein Sant ppresieda l-laqgħa.

Is-Segretarju Eżekuttiv qrat l-ittra t'apoloġija tal-Kunsilliera Francine Farrugia.

377.1 Riżoluzzjoni Speċjali rigward l-appell fuq PC/0004/19 - *Change in alignment to retain road layout as per existing road configuration to date at 69, Triq ir-Ramija, Siggiewi*

Is-Sindku propona l-mozzjoni.
Il-Viċi Sindku Rodianne Haber u l-Kunsillier Adrian Farrugia issekondaw.

Mozzjoni

*Billi l-Kunsill Lokali Siġġiewi fis-Seduta 374 ta' nhar il Ħamis 4 ta' Lulju, wara li kien ingħata spjegazzjoni fuq l-imsemmija applikazzjoni PC/0004/19 (deċiżjoni datata 11 ta' Ġunju 2019) kien qabel unanimament li jappella għad-deċiżjoni li ttieħdet mill-Kunsill Eżekuttiv tal-Awtorita tal-Ippjanar,*

*U billi jirriżulta li xi dettalji ma ġewx preżentati lill-kunsilliera waqt l-imsemmija Seduta tal-4 ta' Lulju,*

*U billi din l-istruttura ilha hemmhekk għal madwar 300 sena,*

*U billi li jirriżulta li meta ngħata l-permess għal din l-applikazzjoni, ġew imposti diversi kundizzjonijiet li tiġi restawrata l-binja antika u allura diversi arkati u ħnejjiet, strutturi bil-kileb, xelter tal-gwerra u oħrajn,*

*U billi kundizzjoni oħra fl-għoti ta' din l-applikazzjoni teskludi il-possibilità ta' żvilupp fuq il-binja antika li ser tiġi restawrata,*

*U billi f'każ simili, ġiet approvata applikazzjoni simili mill-Kunsill Eżekuttiv tal-Awtorità tal-Ippjanar bil-kundizzjoni li l-binja ma tiġix mwaqqa' hekk kif ġew imposti l-istess kundizzjonijiet f'dan il-każ,*

*Għaldaqstant il-Kunsill Lokali Siġġiewi mlaqqa' b'urġenza llum is-Sibt 7 ta' Settembru 2019,*

*Jirrisolvi li jwaqqa' dan l-appell u allura ma joġġezzjonax għal din id-deċiżjoni li ingħatat mill-Awtorità tal-Ippjanar fil-11 ta' Ġunju 2019 għall-applikazzjoni PC/0004/19.*

Wara li s-Sindku qara l-mozzjoni, il-Kunsilliera Alessia Psaila Zammit qalet li din tmur kontra d-deċiżjoni unanima tal-Kunsill f'Seduta preċedenti biex isir l-appell, u dan għal raġunijiet li ma jimmeritawx. Hija qalet li jekk kunsilliera ħadu deċiżjoni mingħajr ma għamlu d-dover li jkunu nfurmati sew dwar il-materja, naqsu mid-doveri tagħhom. Hija qalet ukoll li biex isir l-appell, intefqu Eur1,200 mill-fondi pubbliċi tas-Siġġiwin.

Il-Kunsillier Julian Borg qal li mhux ġust li Sindku u kunsilliera jgħidu li ma kienux nfurmati sew fuq il-materja, u li l-informazzjoni tkun anka aċċessibbli online. F'każijiet hekk hu talab li jibda jinġieb il-Perit tal-Kunsill biex jagħti l-informazzjoni fuq applikazzjonijiet tal-PA.

Il-Kunsilliera Psaila Zammit aċċennat li huwa d-dover ta’ kull Kunsillier li jkollu l-informazzjoni kollha qabel jieħu deċiżjoni, u f’każ li jaħseb li mhux fornit bl-informazzjoni kollha, għandu jastjeni milli jivvota, u mhux jerġa lura minn deċiżjonijiet meħuda, speċjalment meta dan jinvolvi fondi pubbliċi. Il-Kunsilliera Psaila Zammit qalet li l-mozzjoni hija nieqsa minn dettalji mportanti. Hija tenniet li temmen li l-appell m’għandux jiġi irtirat.

Hi ressqet emenda li kienet tgħid li punti 2 sa 6 tal-mozzjoni għandhom jitneħħew u jiddaħħal il-kliem: *“Billi is-Sovraintendenza tal-Wirt Kulturali rrimarkat li ma kienitx se toġġezzjona għat-twaqqigħ ta’ partijiet tad-dar hekk kif id-dar m’għandiex xi valur ta’ wirt kulturali li hu meħtieġ li jiġi preservat.”*

Alessia Psaila Zammit qalet li l-mozzjoni mressqa mis-Sindku teskludi din l-informazzjoni utli mill-entità li hija espert tal-wirt kulturali u jissemmew punti biss li jagħtu raġuni biex issir U-turn. Hija qalet li l-ebda Kunsillier mhu epert fil-wirt kulturali u għalhekk il-Kunsill għandu jqis il-gwida tas-Sovraintendenza, esperta fil-qasam.

Il-Kunsilliera Psaila Zammit ressqet l-emenda għall-mozzjoni.
L-emenda ġiet issekondata mill-Kunsillier Julian Borg.

Vot għall-emenda tal-mozzjoni

2 voti favur (Il-Kunsilliera Alessia Psaila Zammit u Julian Borg)
4 voti kontra (Is-Sindku Kurstein Sant, Il-Viċi Sindku Rodianne Haber, il-Kunsilliera Dominic Grech u Adrian Farrugia)
L-emenda ma ġietx milqugħa b’erba voti kontra u tnejn favur.

Is-Segretarju Eżekuttiv qrat il-pożizzjoni li kienet bagħtet il-kunsilliera Francine Farrugia mal-ittra ta’ apoloġija.
*“Nitolbok biex tinforma lill-kunsilliera preżenti li jiena ma naqbilx mal-irtirar tal-appell ta' PC 004/19 u nsostni l-prinċipju konsistenti tiegħi li l-Kunsill ikompli bl-appell għall-ġid tar-residenti ta' Ramija u għall-immanniġjar aħjar tat-traffiku tas-Siġġiewi. Ġentilment nitolbok taqra dan waqt l-laqgħa. Nitolbok ukoll sabiex l-ittra t'apoloġija u din n-nota jkunu msemmija u annessi mal-minuti tal-laqgħa tas-Sibt li ġej.”*

Il-Kunsilliera Alessia Psaila Zammit bħala Minority Leader qrat il-pożizzjoni li dwarha kien hemm qbil bejnha u l-Kunsilliera Julian Borg u Francine Farrugia (assenti). Il-pożizzjoni moqrija kienet:

*Il-Kunsill Lokali kien qabel li joġġezzjona u jagħmel appell għall-applikazzjoni PC 004/19 għaliex bid-deċiżjoni tal-Awtorità tal-Ippjanar kienet se tintilef darba għal dejjem l-possibilità li tiġi emendata Triq Ramija u għalhekk li jitjieb l-immaniġġjar tat-traffiku fl-inħawi ta’ Ramija u ż-żoni fil-madwar.*

*Infakkru li fil-laqgħa tal-Ħamis 4 ta’ Lulju 2019, il-Kunsill Lokali qabel b’mod unanimu li jappella d-deċiżjoni meħuda mill-Awtorità tal-Ippjanar u dan bbażat fuq il-prinċipju li jitħarsu l-interessi tal-lokalità u tar-residenti ta’ Ramija u żoni biswit.*

*Għalhekk fl-10 ta’ Lulju 2019, is-Segretarju Eżekuttiv, iċċirkolat abbozz għall-Appell mħejji mill-Avukat tal-Kunsill Lokali, Dr Richard Sladden; lis-Sindku Dr Kurstein Sant, lill-Minority Leader, Dr Alessia Psaila Zammit u lill-Kunsillier, il-Perit Julian Borg. Is-Sindku qabel mal-kontenut tal-appell u bagħat email li fiha qal “Looks ok from my end”.*

*Waqt il-laqgħat tal-Kunsill Lokali u anke meta ta struzzjoni li jsir l-appell, is-Sindku kien fid-dover li jieħu deċiżjonijiet nfurmati tajjeb mhux jagħti struzzjonijiet, isir l-appell u mbagħad jinforma ruħu* ***wara*** *fuq il-każ.*

*Is-Sindku Kurstein Sant kellu wkoll iċ-ċans u d-dover li jekk inqala' xi dubju minn naħa tiegħu fuq dan l-appell, seta' jsejjaħ laqgħa qabel isir l-appell, biex tiġi diskussa xi materja li kellu dubju fuqha. Dan anke minħabba l-fatt li l-ispejjeż tal-appell kienu jammontaw għal aktar minn Eur1,200.*

*Kien biss* ***wara*** *li sar appell f'isem il-Kunsill Lokali, minnu stess bħala rappreżentant legali tal-Kunsill Lokali, li s-Sindku Kurstein Sant tkellem dwar dubji li kellu fuq l-appell.*

*Fil-laqgħa tat-Tnejn 2 ta' Settembru 2019, is-Sindku mbgħad talab li jiġi rtirat l-appell u ssejħet din l-laqgħa sabiex tkun tista' tiġi diskussa din l-U-turn fil-pożizzjoni tas-Sindku kif ukoll l-materji konnessi mal-appell tal-applikazzjoni msemmija.*

*Aħna nemmnu bis-sħiħ li U-Turns tat-tip kif qed jissugerixxi s-Sindku, jtellfu mill-kredibilità tiegħu u tal-Kunsill Lokali mal-awtoritajiet u mal-pubbliku; jesponu nuqqas ta' viżjoni u serjetà minn naħa tas-Sindku u jwasslu għall-infiq irresponsabbli tal-fondi tal-Kunsill Lokali.*

*Huwa għalhekk li tali U-turn ma tagħmilx sens u hija rresponsabbli.*

Il-Kunsilliera Alessia Psaila Zammit talbet ukoll lis-Sindku jiddikjara jekk kienux kellmuh nies li setgħu influwenzawh biex ibiddel il-pożizzjoni u jekk id-deċiżjoni tal-irtirar tal-appell saritx wara li kellmuh persuni li għandhom interess li jiġi rtirat l-appell. Is-Sindku wieġeb fin-negattiv.

Is-Sindku sejjaħ vot fuq il-mozzjoni oriġinali.

Votazzjoni
4 voti favur (Is-Sindku Kurstein Sant, il-Viċi Sindku Rodianne Haber, il-Kunsilliera Dominic Grech u Adrian Farrugia)
2 voti kontra (Il-Kunsilliera Alessia Psaila Zammit u Julian Borg)

Il-mozzjoni ġiet approvata b'erba' voti favur kontra tnejn.

Il-laqgħa intemmet fil-11.45 ta' filgħodu.

Konfermati, illum 30 ta' Settembru 2019.

| | |
|---|---|
| Dr Kurstein Sant<br>Sindku | Ritienne Giorgino<br>Segretarju Eżekuttiv |